



Kunsill Ewropew

Brussell, 19 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

EUCO 50/24

CO EUR 44
CONCL 6

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19 ta' Diċembru 2024) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Il-membri tal-Kunsill Ewropew fakkru l-50 anniversarju tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill Ewropew.

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mal-President tal-Ukrajna.

Is-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent tat-18 ta' Diċembru 2024 jirrappreżenta momentum ġdid għas-šhubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Balkani tal-Punent.

I. UKRAJNA

1. Illum, aktar minn 1000 jum mill-bidu tal-invażjoni fuq skala sħiħa mir-Russja, il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU, u jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu li jibqa' jingħata għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. Huwa jikkonferma wkoll mill-ġdid l-impenn sod tal-Unjoni Ewropea li tkompli tipprovdì appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn u bl-intensità meħtieġa. Ir-Russja ma għandhiex tipprevali.
2. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali, f'konformità mal-prinċipji u l-oġettivi ewlenin tal-Formula ta' Paċi Ukrena, u jissottolinja l-prinċipju li ma tittieħed l-ebda inizjattiva rigward l-Ukrajna mingħajr l-Ukrajna. Għal dan l-għan, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser iżommu l-isforzi intensivi ta' sensibilizzazzjoni dinjija tagħhom u ser jipparteċipaw fid-diskussjonijiet li jaffettwaw is-sigurtà tal-Ewropa.

3. Il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-ħidma li saret fuq l-għoti ta' appoġġ militari lill-Ukrajna. Biex jgħin lill-Ukrajna tiddefendi lilha nnifisha b'mod effettiv kontra l-aggressjoni tar-Russja, il-Kunsill Ewropew jappella għat-tisħiħ urġenti tal-isforzi, b'mod partikolari dwar it-twassil ta' sistemi ta' difiża tal-ajru, munizzjon u missili, kif ukoll dwar il-forniment ta' taħriġ u taġmir meħtieġ għall-brigati Ukreni. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li tiġi intensifikata l-ħidma biex tkompli tiġi appoġġata u żviluppata l-industrija tad-difiża tal-Ukrajna u biex tiġi approfondita l-kooperazzjoni tagħha mal-industrija tad-difiża tal-UE. Huwa jfakkar fl-importanza tal-implimentazzjoni tal-komponenti kollha tal-inizjattiva tal-G7 "Self għall-Aċċellerazzjoni ta' Dħul Straordinarju favur l-Ukrajna" (ERA), inkluż il-komponent tal-ħtiġijiet militari, u jappella biex id-deċiżjonijiet taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi jiġu operazzjonalizzati mill-iktar fis possibbli. Jappella wkoll lill-Kunsill jaċċellera l-ħidma biex tissaħħa il-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE b'appoġġ għall-Ukrajna.
4. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-implimentazzjoni riżoluta tal-Faċilità għall-Ukrajna. Il-pagamenti totali lill-Ukrajna taħt il-Faċilità fl-2024 ser jammontaw għal EUR 16.2 biljun. Fl-2025, l-iżborżi mill-Faċilità mistennija li jilhqgħu EUR 12.5 biljun. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-implimentazzjoni rapida tal-inizjattiva ERA tal-G7 li tammonta għal EUR 45 biljun (USD 50 biljun) biex jiġu appoġġati l-ħtiġijiet militari, baġitarji u ta' rikostruzzjoni attwali u futuri tal-Ukrajna. Taħt din l-inizjattiva, l-Unjoni Ewropea qed tippjana tibda l-iżborżi f'Jannar, għal total ta' EUR 18.1 biljun fl-2025. L-aspetti legali u finanzjarji rilevanti kollha ser ikomplu jiġu indirizzati.
5. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-appoġġ militari kollu ser jingħata b'rispett sħiħ tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.

6. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-kampanja intensifikata u deliberata tar-Russja kontra l-infrastruttura tal-enerġija u infrastruttura ċivili oħra tal-Ukrajna li għandha l-għan li tuża bħala arma l-bidu tax-xitwa. Jappella biex jiżdied l-appoġġ materjali u jitħaffef it-twassil tiegħu sabiex l-Ukrajna tiġi meġġuna żżomm l-infrastruttura tal-elettriku tagħha għaddejja. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ifaħħar lill-Istati Membri, b'mod partikolari lill-ġirien tal-Ukrajna, għall-esportazzjonijiet tal-elettriku tagħhom lejn l-Ukrajna u jenfasizza l-ħtieġa li dawn ikomplu jiżdiedu. Jappella wkoll għal aktar integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija tal-Ukrajna u tar-Repubblika tal-Moldova man-network tal-enerġija tal-Unjoni bħala kwistjoni ta' prijetà.
7. L-isforzi biex tkompli tiġi limitata l-kapaċità tar-Russja li twettaq gwerra jridu jkomplu. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tal-15-il pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja, inkluż miżuri kontra l-"flotta mistura". Itenni l-appell tiegħu għall-infurzar sħiħ u effettiv tas-sanzjonijiet u għal aktar mezzi u miżuri biex tiġi miġġielda ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom, inkluż permezz ta' pajjiżi terzi. L-Unjoni Ewropea tibqa' lesta li żżid il-pressjoni fuq ir-Russja, inkluż billi tadotta aktar sanzjonijiet. Soġġett għad-dritt tal-UE, l-assi tar-Russja għandhom jibqgħu immobilizzati sakemm ir-Russja twaqqaf il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u tikkumpensaha għad-dannu kkawżat minn din il-gwerra.
8. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-appoġġ minn pajjiżi terzi, u atturi u entitajiet fihom, li jippermettu lir-Russja ssostni l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. It-trasferimenti tal-armi u l-approfondiment tal-kooperazzjoni militari bejn ir-Russja u r-RDPK u l-Iran, kif ukoll l-iskjerament tal-forzi militari tar-RDPK lejn ir-Russja u l-użu tagħhom fil-kamp tal-battalja kontra l-Ukrajna jirrappreżentaw eskalazzjoni internazzjonali tal-gwerra, b'konsegwenzi serji għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-pajjiżi kollha jwaqqfu minnufih kwalunkwe assistenza diretta jew indiretta lir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.

9. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, ir-reparazzjoni, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Il-Konferenza dwar l-Irkupru tal-Ukrajna ospitata mill-Italja f'Lulju 2025 ser tkun importanti f'dak il-kuntest. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Ukrajna u tappoġġa l-isforzi ta' riforma tagħha fil-mixja Ewropea tagħha.

II. LVANT NOFSANI

10. Il-Kunsill Ewropew indirizza s-sitwazzjoni u l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani. Huwa jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Lvant Nofsani.
11. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim ta' waqfien mill-ġlied tas-27 ta' Novembru 2024 bejn Iżrael u l-Libanu, wara l-isforzi ta' medjazzjoni mwettqa b'mod partikolari minn Franza u l-Istati Uniti. Huwa jhegġegħ lill-partijiet jimplimentaw il-waqfien mill-ġlied kif miftiehem, u jappella għall-implimentazzjoni sħiħa u simetrika tar-Riżoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Il-Kunsill Ewropew ifakkar f'dak il-kuntest ir-rwol ta' stabbilizzazzjoni fundamentali tal-Forza Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libanu (UNIFIL) fin-Nofsinhar tal-Libanu. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Istat Libaniż u l-isforzi tiegħu għall-bini tal-Istat, inkluż billi tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-Forzi Armati Libaniżi. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-mexxejja politiċi Libaniżi jieħdu l-azzjoni neċessarja biex jegħlbu l-impass politiku u ekonomiku, inkluż l-elezzjoni rapida ta' president.

12. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-konsegwenzi tal-leġiżlazzjoni Iżraeljana adottata fit-28 ta' Ottubru 2024 fuq il-kapaċità tal-UNRWA biex twettaq il-mandat tagħha. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza r-rwol essenzjali tal-UNRWA, li tipprovdi appoġġ kruċjali lill-popolazzjoni ċivili kemm f'Gaza kif ukoll fir-reġjun usa'. It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UNRWA hija kruċjali.
13. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu għal waqfien mill-ġlied immedjat f'Gaza, il-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha, it-titjib urġenti tal-aċċess għall-assistenza umanitarja u d-distribuzzjoni mingħajr interruzzjoni tagħha fuq skala kbira f'Gaza kollha, u t-tmiem dejjiemi tal-ostilitajiet, f'konformità mar-Risoluzzjoni 2735 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.
14. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn tal-Unjoni Ewropea għad-dritt internazzjonali u għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati f'konformità mar-Risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fejn żewġ stati demokratiċi, Iżrael u l-Palestina, jgħixu maġenb xulxin fil-paċi fi fruntieri siguri u rikonoxxuti. L-Unjoni Ewropea hija lesta li tikkontribwixxi għall-isforzi kollha għal din is-soluzzjoni u tappella lill-partijiet kollha joqogħdu lura minn azzjonijiet li jdgħajfu l-vijabbiltà tagħha. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lill-Awtorità Palestinjana biex tgħinha tindirizza l-ħtiġijiet l-aktar urġenti tagħha, tibni kapaċitajiet istituzzjonali, u timplimenta l-aġenda ta' riforma tagħha.

15. Wara l-waqgħa tar-reġim kriminali ta' Assad fis-Sirja, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-opportunità storika li jergħa' jingħaqad u jergħa' jinbena l-pajjiż u jissottolinja l-importanza ta' proċess politiku inklużiv bi tmexxija Sirjana li jissodisfa l-aspirazzjonijiet leġittimi tal-poplu Sirjan, f'konformità mal-prinċipji ewlenin tar-Riżoluzzjoni 2254 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. F'dan ir-rigward, l-Unjoni Ewropea tappoġġa l-ħidma tal-Mibgħut Speċjali tan-NU għas-Sirja. L-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tas-Sirja fi ħdan fruntieri siguri għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ, f'konformità mad-dritt internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żgurati r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tan-nisa, il-governanza mhux settarja u l-protezzjoni tal-membri ta' minoranzi reliġjużi u etniċi, u li jiġi salvagwardat il-wirt kulturali tas-Sirja. Huwa jappella lill-partijiet kollha jippreservaw l-unità nazzjonali u jiżguraw il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili kollha, il-forniment ta' servizzi pubbliċi kif ukoll il-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal tranżizzjoni politika inklużiva u paċifika, u għal ritorni sikuri, volontarji u dinjitużi tar-refuġjati Sirjani, kif definiti mill-UNHCR. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza wkoll l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, tal-prevenzjoni biex ma jergħgħux jitfaċċaw gruppi terroristiċi, u tal-qerda tal-ħażniet ta' armi kimiċi li fadal tas-Sirja. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jippreżentaw lill-Kunsill opzjonijiet għal miżuri li jappoġġaw lis-Sirja.

III. L-UE FID-DINJA

16. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar l-impenn dinji u l-prijoritajiet tal-UE fil-kuntest ġeopolitiku attwali.

IV. IR-REŻILJENZA, IL-PREPARATEZZA, IL-PREVENZJONI TAL-KRIZIJET U R-RISPONS GĦALIHOM

17. Wara r-rapport "Safer together: strengthening Europe's civil and military preparedness and readiness" (Aktar sikuri flimkien: it-tisħiħ tal-preparatezza u l-istat ta' tħejjija ċivili u militari tal-Ewropa), ippreżentat minn Sauli Niinistö, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-importanza u l-urġenza tat-tisħiħ tar-reżiljenza, il-preparatezza, il-kapaċitajiet ta' prevenzjoni tal-kriżijiet u ta' rispons għalihom fil-kuntest tax-xenarju ta' theddid li qed jevolvi u tal-ġhadd dejjem jikber ta' diżastri naturali minħabba t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali. Filwaqt li jibni fuq l-Aġenda Strateġika u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2023 u Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew iqis li huma meħtieġa preparatezza militari u ċivili msaħħa u koordinata u ġestjoni strateġika tal-kriżijiet, f'approċċ li jkopri l-perikli kollha u min-naħa tas-soċjetà kollha. Dan għandu jsir f'sinerġija man-NATO, fejn rilevanti, b'mod inklużiv u mhux diskriminatorju u mingħajr preġudizzju għall-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u difiża tal-Istati Membri kollha. Din il-mentalità ġdida ta' preparatezza hija meħtieġa biex issaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE, tipproteġi l-valuri tagħha, tissalvagwardja s-suċċess ekonomiku u l-kompetittività tagħha, u tadatta għat-tibdil fil-klima.
18. Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi ħidma ulterjuri biex, b'mod koerenti, tissaħħaħ ir-reżiljenza, il-preparatezza, il-kapaċità ta' prevenzjoni tal-kriżijiet u ta' rispons għalihom tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, inkluż bil-ħsieb tal-istrateġija futura ta' preparatezza. Huwa jistieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kunsill ikomplu l-ħidma fuq il-linji ta' ħidma u l-azzjonijiet differenti fil-livell tal-UE biex jappoġġaw lill-Istati Membri, b'kont meħud tal-ispeċifitajiet ta' tipi differenti ta' kriżijiet u b'rispett għar-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-Istati Membri.

V. MIGRAZZJONI

19. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu dwar il-migrazzjoni. Ħa nota tal-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni, b'attenzjoni partikolari għall-ħidma importanti li għaddejja dwar: id-dimensjoni esterna; l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata tal-UE u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti; il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, inkluż permezz ta' modi ġodda f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali; sforzi urġenti biex jiġu ffaċilitati, jiżdiedu u jitħaffu r-ritorni; pajjiżi ta' oriġini sikuri; il-ġlieda kontra l-istrumentalizzazzjoni, it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin; kif ukoll perkorsi sikuri u legali li jkunu konformi mal-kompetenzi nazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposta leġiżlattiva dwar ir-ritorni fil-bidu tal-2025, jappella lill-koleġiżlaturi javvanzaw bħala kwistjoni ta' prijetà fajls b'dimensjoni ta' migrazzjoni, u jieħu nota tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE.

VI. PUNTI OĦRA

Tkabbir u riformi

20. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu u d-Dikjarazzjoni ta' Granada tas-6 ta' Ottubru 2023, u f'konformità mal-Aġenda Strateġika tiegħu, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza perenni tat-tkabbir bħala investment ġeostrateġiku fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità. Filwaqt li jibnu fuq id-dinamiżmu l-ġdid fil-proċess tat-tkabbir, u f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-mertu, kemm l-Unjoni kif ukoll il-membri aspiranti għandhom ir-responsabbiltà li jagħmlu l-aħjar użu minn din l-opportunità.
21. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet dwar it-tkabbir approvati mill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 2024.

Repubblika tal-Moldova

22. Il-Kunsill Ewropew ifaħħar lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova għas-suċċess fit-tmexxija tal-elezzjonijiet presidenzjali u għar-referendum dwar l-inklużjoni tal-adeżjoni tal-UE fil-Kostituzzjoni, minkejja attivitajiet ibridi mir-Russja biex idgħajfu l-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż. Jilqa' l-impenn taċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova għall-integrazzjoni Ewropea.
23. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mar-Repubblika tal-Moldova biex issaħħaħ ir-reżiljenza u l-istabbiltà tal-pajjiż u biex tappoġġa l-isforzi ta' riforma tagħha fil-perkors Ewropew tagħha, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova u l-adozzjoni rapida tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir.
24. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni teżamina urġentement modi ulterjuri biex tingħata assistenza lir-Repubblika tal-Moldova fit-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija tagħha.

Georgia

25. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet ta' Ġunju u ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ewropew itenni t-tħassib serju tiegħu dwar l-azzjoni meħuda mill-gvern tal-Georgia, li tmur kontra l-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea. Huwa jiddispijaċih dwar id-deċiżjoni tal-gvern tal-Georgia li jissospendi l-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiż mal-UE sal-2028.
26. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza kontra dimostranti paċifiċi, politiċi u rappreżentanti tal-media. L-awtoritajiet tal-Georgia jridu jirrispettaw id-dritt għal-libertà tal-għaqda u tal-espressjoni, u joqogħdu lura milli jużaw il-forza. L-atti kollha ta' vjolenza jridu jiġu investigati u dawk responsabbli jridu jagħtu kont ta' għemilhom.
27. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja r-rieda tal-Unjoni li tappoġġa l-aspirazzjonijiet Ewropej tal-poplu tal-Georgia, u l-perkors tal-pajjiż lejn l-adeżjoni jekk l-awtoritajiet tal-Georgia jreġġgħu lura l-azzjoni attwali tagħhom.

Attivitajiet ibridi

28. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-kampanja ibrida tar-Russja, inkluż sabotaġġ, tfixkil tal-infrastruttura kritika, attakki ċibernetiċi, manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza, u tentattivi biex tiddgħajjef id-demokrazija, inkluż fil-proċess elettorali, kontra l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. F'dan il-kuntest, huwa jilqa' l-adozzjoni tal-ewwel elenkar skont il-qafas għal miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ser ikomplu jsaħħu r-reżiljenza tagħhom u jużaw bis-sħiħ il-mezzi kollha disponibbli biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jirreaġixxu għall-attivitajiet ibridi tar-Russja.

Libertà, sigurtà u ġustizzja

29. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-Deċiżjoni tal-Kunsill li jitneħħew il-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni tal-art ma' u bejn il-Bulgarija u r-Rumanija mill-1 ta' Jannar 2025.
30. Il-Kunsill Ewropew japprova l-linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Diċembru 2024.

Venezwela

31. Il-Kunsill Ewropew itenni t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela. Huwa jappella għall-ħelsien tad-detenuti politiċi kollha u biex il-Venezwela tirrispetta l-impenji tagħha skont id-dritt internazzjonali. L-Unjoni Ewropea ser timmobilizza l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa d-demokrazija u tranżizzjoni paċifika u inklużiva fil-Venezwela.

*

* *

Wara l-avveniment ta' temp estrem u devastanti f'Mayotte, il-Kunsill Ewropew jesprimi l-kondoljanzi sinċiera tiegħu u jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-popolazzjoni ta' Mayotte.